**29 ta' Lulju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Curmi et.

**Prostituzzjoni — Lokazzjoni — Amministrazzjoni — Art. 10 tal-Kap. 102.**

*Ir-reat ta' għajxien, f'kollox jew in parti, mill-qliegħ tal-prostituzzjoni jippresupponi mhux okkażjoni waħda ta' qliegħ baxx, imma sistema ta' sfruttament tat-turpitudini ta' ħadd ieħor, allavolja din il-persuna l-oħra takkonsenti. Għaldaqstant il-fatt iżolat li wieħed jirċievi flus talli ressaq persuna għal skop ta' prostituzzjoni ma jikkostitwix dan ir-reat.*

*Għall-finijiet tad-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi min ikollu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' fond, jikkommetti reat jekk hu xjentement jikrieh jew jippermetti l-użu tiegħu għal skop ta' prostituzzjoni jew prattiki oħra immorali, it-terminu "amministrazzjoni", aktar mill-konċett ċivilistiku ta'*

*amministrazzjoni, ifisser "kontroll" tal-fond; u għalhekk jikser din il-liġi anki l-lokatarju ta' fond li jagħtieh għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali, jew li jippermetti l-użu tiegħu għal dawn l-iskopijiet.*

Il-Qorti:— Rat l-akkuża miġjuba kontra l-imputati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttriċi, illi r-Raħal Ġdid u postijiet oħra, bejn l-ewwel u s-6 ta' Diċembru 1960, (1) b'għemil żieni kkorrompew lil Lucy Brincat, ta' sittax il-sena u erbgħa xhur; (2) biex jissoddisfaw iż-żina ta' ħadd ieħor ħajru lill-imsemmija Lucy Brincat, persuna ta' taħt l-età, għall-prostituzzjoni, għenu u ffaċilitaw il-prostituzzjoni u l-korruzzjoni tagħha; (3) Anthony Curmi, Joseph McKay u Salvatore Mifsud xjentement għexu, għal kollox jew f'parti, mill-qligħ tal-prostituzzjoni ta' Lucy Brincat; (4) Victor Zampa, fiż-żmien fuq imsemmi jew f'okkażżjonijiet oħra, f'dawn l-aħħar sitt xhur, ippermetta l-użu ta' postijiet amministrati minnu għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali;

Rat ir-rinviju tal-atti mill-Attorney General, biex bħala Qorti Ġudikatriċi tieħu konjizzjoni tal-kawża fit-termini......;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' April 1961, li lliberat lill-imputati;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata, u li l-imputati jiġu misjuba ħatja u kundannati skond l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament presjeduta, taż-17 ta' Ġunju 1961, li biha ġie dikjarat illi fil-fattispeċje ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-art. 639, u lanqas tal-art. 640 tal-Kodiċi Kriminali, u li għalhekk Lucy Brincat ma għandhiex tiġi eżentata milli tixhed; u għalhekk ġie ordnat illi hija tiġi prodotta biex tixhed, bla riżerva, fuq il-fatti li hemm fid-dikjarazzjoni li ġa għamlet u oħrajn li għandhom attinenza mal-ġudizzju preżenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq l-imputat Anthony Curmi;

L-akkużi kontra dan l-imputat huma:— (1) Art. 217 (1) (3), it-tieni proviso (b); art. 43 (d) u 20 K.C. relattivament għall-okkażżjoni ta' baħri ngliż bla uniformi u amerikan bla uniformi; (2) art. 218(1) K.C.; (3) art. 7 (1) (3) tal-Kap. 102;

*Omissis;*

It-tielet akkuża hi dik ta' min xjentement jgħix, għal kollox jew f'parti, mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuna oħra;

Din l-akkuża tikkonsisti fil-parassitiżmu mill-prostituzzjoni ta' ħadd ieħor. L-għajxien, għal kollox jew f'parti, mill-proventi tal-prostituzzjoni jippresupponi mhux okkażżjoni waħda ta' qliegħ baxx, imma sistema ta' sfruttament tat-turpitudini ta' ħadd ieħor, allavolja din il-persuna takkonsenti. Irriżulta mix-xhieda ta' Lucy Brincat quddiem din il-Qorti illi l-imputat Curmi tħallas darba £2 minn għand raġel li hu ressqilha biex kellu x'jaqsam magħha. B'din iċ-ċirkustanza weħedha r-reat ta' sfruttament ma jirriżultax;

Fuq l-imputat Joseph McKay;

Dan għandu l-istess akkużi bħal l-ewwel imputat;

*Omissis;*

Fuq l-imputat Salvatore Mifsud;

*Omissis;*

Fuq l-imputat Victor Zampa;

L-akkuża hawnhekk hija waħda, i.e. taħt l-art. 10 tal-Kap. 102 — dik ta' min ikollu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' fond u xjentement jikrieh jew jippermetti l-użu tiegħu għal skop ta' prostituzzjoni jew prattiki oħra immorali;

Jirriżulta illi dan l-imputat kellu b'kiri f'idejh kamra ħdejn Żabbar Road, ir-Raħal Ġdid. F'din il-kamra hu u sħabu, l-imputati l-oħra, meta hu kien magħhom, kellhom relazzjonijiet sesswali......;

Jirrikorru għalhekk l-elementi tar-reat imputat;

Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha okkażżjoni tippronunċja ruħha f'din il-materja (App. Krim. "Pul. vs. Michael Borg", 21 ta' Jannar 1961); fis-sens illi t-terminu "amministrazzjoni", adoperat fl-imsemmi art. 60 tal-liġi, aktar milli l-konċett ċivilistiku ta' amministrazzjoni, ifisser, "kontroll" ta' fond u hekk jikser il-liġi anki l-lokatarju ta' fond li jagħtieh għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali, jew li jippermetti l-użu tiegħu għal dan l-iskop. Il-liġi hija ntiża biex tolqot il-prostituzzjoni klandestina jew prattiki oħra immorali; u hekk tagħmel reat il-fatt ta' min, fil-waqt li jkun jikkontrolla fond, jippermetti li jiġi użat għal dawk il-prattiki. L-art. 12 tal-istess liġi, li jagħmel reat in-nuqqas ta' min, wara avviż tal-Pulizija, ma jieħux il-passi meħtieġa biex jiżgombra lil min ikun qiegħed juża hekk il-fond, ma jostakolax dan il-konċett ta' "amministrazzjoni". Dak l-art. 12 jolqot lil kull min, fil-waqt li jkun fada l-kontroll ta' fond lil ħadd ieħor, li in segwitu jużah għal dawk l-iskopijiet, ma jipprokurax li joħorġu mill-fond wara li l-Pulizija tavżah x'qed isir minnu. Iżda dan ma jfisserx li ma jaqgħax taħt l-art. 10 tal-liġi min, meta jkollu l-kontroll ta' fond, hu jikrieh għal dawk il-prattiki jew jippermetti l-użu tiegħu għalihom;

Għalhekk l-imputazzjoni tirriżulta;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell tal-Attorney General, u tirrevoka s-sentenza appellata;

Tiddikjara għall-imputati Anthony Curmi, Joseph McKay u Salvatore Mifsud estinta l-azzjoni kriminali birremissjoni tal-kwerela, u eżawrit il-proċediment fuq l-imputazzjoni taħt l-art. 217(1) (3) tal-Kodiċi Kriminali;

Tiddikjara lill-imputat Anthony Curmi ħati......;

Tiddikjara lill-imputat Joseph McKay ħati......;

Tiddikjara lill-imputat Salvatore Mifsud ħati......;

Tiddikjara lill-imputat Victor Zampa ħati taħt l-art. 10 tal-Kap. 102 tal-Liġijiet, illi meta kellu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' fond, xjentement ippermetta l-użu tiegħu għal skop ta' prostituzzjoni jew prattiki oħra immorali;

Qieset il-kondotta preċedenti;

*Omissis*;

Rat l-art. 218(1) tal-Kodiċi Kriminali, u tikkundanna lill-imsemmi Anthony Curmi għall-piena tal-lavori forzati għal sittin ġurnata;

Rat l-art. 218(1) u 7(1) tal-Kap. 102 u 19 tal-Kodiċi Kriminali, u tikkundanna lill-imsemmi Joseph McKay għall-piena tal-lavori forzati għal tmenin ġurnata;

Rat l-art. 218(1) tal-Kodiċi Kriminali, u tikkundanna lill-imputat Salvatore Mifsud għall-piena tal-lavori forzati għal żmien tnejn u tletin ġurnata;

Rat l-art. 10 tal-Kap. 102 u tikkundanna lill-imsemmi Victor Zampa għall-piena ta' tnejn u tletin ġurnata priġunerija.